**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Lulju 2020**

**Talba Nru: 175/18 CZ**

**Francesco Maffia**

**vs.**

**Ryan Borg**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attur imressqa fis-27 t'April 2018 li biha talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn u disa' mitt Euro (€2,900) rapprezentanti rifuzjoni tas-somma ta' elf u erba' mitt Euro (€1,400) imhallsa mill-attur ghal xoghol ta' tiswijiet fuq il-vettura tal-attur tal-marka Audi A4, liema vettura hija propjeta' tal-attur u liema xoghlijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti u li ghaldaqstant l-attur qed jippretendi r-rifuzjoni tal-istess u s-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) rapprezentanti danni li sofra l-attur in segwitu ghax-xoghol hazin li ghamel il-konvenut fuq l-imsemmija vettura.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut imressqa fid-19 t'Ottubru 2018 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-esponenti ghandu ggaraxx bl-isem RR Autoparts + Repairs fejn huwa jsewwi l-vetturi, jaghmel modifikazzjojnjiet u jahdem bhala mechanic.
2. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma humiex relatati max-xoghol illi sar mill-esponenti fuq il-vettura tieghu, izda huma danni rizultanti minn difett iehor fil-karozza.
3. Illi meta l-esponenti rritorna l-vettura lill-attur wara li gew kompletati x-xoghlijiet, ma kien hemm ebda kwistjoni mqajjma mill-attur fejn wera li ma kienx sodisfatt bix-xoghol tant li sahansitra informa lill-esponenti li kien kuntent ghaliex il-vettura kienet qed tahdem b'mod perfett.
4. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huma intizi biss biex ihammgu isem l-esponenti u sabiex l-attur jibbenefika minn fondi biex ikopri danni li kkawza huwa stess mit-traskuragni tieghu fil-manutenzjoni tal-vettura tieghu stess.

Illi l-konvenut prevalixxa ruhu mir-risposta li ressaq sabiex ressaq kontro-talba fejn talab li l-attur rikonvenzjonat jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija u hames Euro (€405) rapprezentanti flus dovuti ghal xoghlijiet illi saru mill-esponenti fuq il-vettura tal-attur u dan sabiex il-karozza tal-attur stess tkun fi stat pristinu skond ix-xewqat tieghu wara xoghlijiet illi talab ir-rikorrenti.

Illi dan il-valur jirraprezenta flus dovuti lill-konvenut kemm ghal xoghlijiet li saru sabiex jitrangaw il-hsara li kellha l-karozza kif ukoll valur pendenti fuq xoghol li kien sar sabiex jigi stallat turbo ghal ragunijiet estetici. Dan kif evidenti mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok. B.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Illi b'risposta ghall-kontro-talba mressqa fl-14 ta' Novembru 2018, l-attur rikonvenzjonat eccepixxa:

1. Illi t-talbiet u l-pretensjonijiet kif dedotti fil-kontro-talba huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, il-pretensjonijiet tar-rikonvenzjonant huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-somma reklamata mhix dovuta.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra x-xiehda ta' l-attur[1], u l-konvenut[2].

Sema' t-trattazzjoni.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi l-attur f'April tal-2017 ha l-karozza tieghu fil-garage tal-konvenut biex dan tal-ahhar bhala mechanic isewwilu l-pompa taz-zejt u t-turbo. Il-karozza damet xahar ghand il-konvenut, u wara li lestiha u ppruvawha, il-partijiet innutaw li l-karozza kienet ghadha qed iddahhan iswed. Il-konvenut ha l-inkarigu li jsewwi l-karozza

[1] Fol. 23 u kontro-ezami a fol. 62
[2] Fol. 56 u kontro-ezami a fol. 71

mill-gdid u wara gimaghtejn informa lill-attur li l-karozza kienet lesta. L-attur jghid illi l-karozza baqghet iddahhan iswed, u ghalhekk il-konvenut talab dikjarazzjoni ffirmata mill-konvenut li giet esebita u fejn il-konvenut intrabat li jekk id-dhahen in kwestjoni kienu kawza tax-xoghol li ghamel hu, jaghmel ix-xoghol minghajr hlas u jhallas lill-klijent ghal kull dannu iehor li jirrizulta.

Illi l-attur mar biex jiehu l-karozza ghat-tielet darba, u ra li d-dhahen suwed baqghu hemm. Il-konvenut qallu sabiex jistenna jumejn jew tlieta sabiex id-dhahen jitilqu. Il-konvenut jichad li qallu dan. L-attur pero' jsostni li d-dhahen baqghu u l-karozza waqfet tahdem fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha minn mindu hadha mill-garage tal-konvenut.

Illi l-konvenut min-naha l-ohra isostni illi huwa ghamel ix-xoghol li talbu l-attur, u cioe' l-katina tal-pompa taz-zejt u t-turbo u daqshekk. Isostni illi l-hsara li kien hemm wara ma kinitx tort tieghu u kienet f'parti ohra tal-karozza (in-naha ta' fuq). Wara li rranga kollox, il-karozza kienet tahdem normali, u taha lill-attur. Jghid ukoll illi ra li l-pompa taz-zejt ma kinitx qed ittella bizzejjed pressa u li kien b'konsegwenza ta' dan li saret il-hsara f'post iehor li ma kienx il-mertu tal-inkarigu tieghu.

Illi jirrizulta lit-Tribunal illi x-xoghol li ghamel il-konvenut fuq il-pompa taz-zejt baqa' tajjeb, u l-attur dan ma kkontestahx. L-attur izda baqa' jilmenta dwar dhahen suwed li baqghu johorgu mill-karozza. Illi pero' l-hsara li giet stabbilita wara li hargu d-dhahen suwed kienet fin-naha ta' fuq tal-karozza, liema hsara lahqet saret fiz-zmien meta l-pompa taz-zejt kienet difettuza u l-karozza kienet qed tibqa' tintuza. Il-konvenut jinsisti li hu ma kellux x'jaqsam mal-parti ta' fuq tal-magna, fejn irrizultat il-hsara, u lanqas biss fetah dik in-naha tal-magna waqt li kien ghaddej bix-xoghlijiet. Anzi jsostni illi l-hsara fil-parti ta' fuq saret fiz-zmien li kienet qed tintuza l-pompa taz-zejt l-antika, id-difettuza, li mbaghad bidel.

Illi l-attur min-naha l-ohra qal li wara li gabar il-karozza ghat-tielet darba minghand il-konvenut u telaq biha, regghet waqfitlu f'inqas minn erbgha u ghoxrin (24) siegha wara. Ghall-precizjoni ma jghidx li waqfitlu, izda li seta' jimxi biha bi tbatija.

Illi rrizulta lit-Tribunal inoltre illi l-attur, wara li gabar finalment il-karozza minghand il-konvenut, mar u ghamel it-test tal-VRT (b'success) sabiex bidel in-numru ta' registrazzjoni tal-karozza ghal wahda lokali. Dan il-fatt, ghat-Tribunal, jipprezenta certa problema ta' kredibilita' tal-attur, fis-sens li huwa difficli li wiehed jghaddi b'success minn test bhal dak tal-VRT jekk l-emissjonijiet li kienu qed isiru mill-vettura kienu daqstant tqal u suwed kif qed jispjega l-attur.

Illi t-Tribunal jara aktar veritiera l-verzjoni tal-konvenut, ghaliex duhhan iswed mill-exhaust ma huwiex generalment indikattiv ta' pompa taz-zejt difettuza, izda ta' difetti ohra bhal *fuel injectors* difettuzi, xi *EGR valve* difettuz, *piston rings* danneggjati, jew anke depoziti ta' fuel mahruq f'diversi partijiet tal-magna li jispiccaw bhala duhhan iswed mormi fl-*exhaust*. Il-konvenut fi-fatt jixhed illi l-hsara li kien hemm eventwalment kienet fil-hydraulic tappets, li kellhom jinbidlu.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, l-attur ma rnexxielux jipprova l-konnessjoni bejn id-duhhan iswed, il-fatt li l-karozza waqfet, u x-xoghol maghmul mill-konvenut. Ghand il-konvenut, l-attur mar b'ghan specifiku hafna, dak li jitrangalu t-turbo u l-pompa taz-zejt. Dan ix-xoghol il-konvenut ghamlu, u l-attur ma jistax jippretendi li kull difett iehor li kellha l-karozza in kwestjoni jaddebitah lill-konvenut, partikolarment jekk il-hsara li saret fuq bnadi ohra tal-karozza saret minhabba n-nuqqas ta' pressa taz-zejt li kien hemm qabel ma l-konvenut gie avvicinat. Fuq kollox, l-attur ma jidhirx li kkomunika b'mod effettiv mal-konvenut, wara li gabar il-karozza, sabiex jindikalu li kien ghad hemm problema u sabiex jinterpellah jirrangaha. Il-konvenut kien qallu sabiex imur biex jaraha, izda l-attur ma marx. L-attur ghalhekk ma jistax jilmenta li ma setax juza l-karozza ghal sentejn, kif allega, meta l-karozza halliha hemm minghajr ma ghamel xejn minn wara li

gabarha minghand il-konvenut. Ghat-Tribunal ghalhekk, it-talbiet tal-attur ma jisthoqqx li jintlaqghu.

**Il-kontro-talba**

Illi dwar il-kontro-talba, it-Tribunal josserva illi l-ewwel eccezzjoni hija dik tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan il-punt, hija din l-eccezzjoni li ghandha tigi mistharrga l-ewwel.

Ix-xoghol in kwestjoni sar lejn Mejju u bidu ta' Gunju tal-2017. It-talba ghall-hlas tal-konvenut rikonvenzjonant saret fid-19 t'Ottubru 2018. Il-preskrizzjoni applikabbli hija dik tat-tmintax-il xahar, abbazi tal-istess artikolu li ccita l-konvenut. Illi ladarba bejn il-gurnata tat-tmiem tax-xoghlijiet u d-data li saret it-talba m'ghaddewx it-tmintax-il xahar msemmija, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tincahad.

Illi bir-ricevuta esebita a fol. 32 il-konvenut rikonvenzjonant gab prova li kien nefaq xi spejjez, u maghhom zied il-hlas ta' xoghlu, biex b'hekk l-ammont globali mitlub ghax-xoghol ta' idejh u l-ispejjez kien ta' hames mija u hames Euro €505). L-attur rikonvenzjonat kien hallas mitt Euro (€100) minn dawn, u l-konvenut sussegwentement ghamel skont biex naqqas dan l-ammont ghal tliet mija u hamsin Euro, u huwa dan l-ammont li qed jinsisti fuqu, ghalkemm fil-kontro-talba li ressaq talab erba mija u hames Euro (€405). Dawn l-attur rikonvenzjonat kien ghalhekk diga' hallas parti minnhom, u ghahekk irrikonoxxa illi x-xoghol sar u li l-hlas ghandu jsir. Fil-fatt, skond il-messaggi esebiti mill-konvenut, fit-13 ta' Gunju 2017, wara li l-konvenut talbu l-hlas, qallu li kellu jghaddi l-Hamis; biex wara qallu li l-karozza ma kinitx qed tahdem sew. Fil-fatt l-attur baqa' ma marx, ghaliex fis-6 ta' Lulju 2017 il-konvenut rega' baghatlu messagg biex javzah li kien ser jirrappurtah lill-Pulizija, ghal liema l-attur rega' wiegeb li l-konvenut qeridlu l-karozza. Din is-sekwenza ta' messaggi turi illi l-attur rikonvenzjonat ma kienx qed jichad li ghandu

jhallas – anzi qal lill-konvenut rikonvenzjonant li ser jghaddi bil-hlas. Ghaldaqstant, it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant jisthoqq li jintlaqghu izda limitatament ghas-somma ta' tliet mija u hamsin Euro (€350).

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi kwantu ghat-talba promotrici jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jichad it-talbiet attrici, filwaqt li kwantu ghall-kontro-talba, jichad l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat u jilqa' parzjalment it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant, u konsegwentement jordna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenut rikonvenzjonant is-somma ta' tliet mija u hamsin Euro (€350), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez tat-talba promotrici ghandhom jithallsu kollha mill-attur, filwaqt li l-ispejjez relattivi ghall-kontro-talba ghandhom jithallsu kwantu ghal disgha partijiet minn ghaxra (9/10) mill-attur rikonvenzjonat u parti wahda minn ghaxra (1/10) mill-konvenut rikonvenzjonant.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur